MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 189/2003

**Agius Agricultural Trading Limited**

**vs**

**Romano Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef seba' mija erbgha u hamsin Lira Maltija u ghoxrin cetnezmu (LM4,745.20) liema somma**

**tirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' Greenhouse mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici, flimkien ma' kumpens ghall-installazzjoni tal-istess Greenhouse da parti tas-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu stess u valur ta' riparazzjonijiet fuq l-istess Greenhouse, ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu tas-sena 2001 u tal-25 ta' Marzu tas-sena 2002 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat u bl-imghax legali mid-29 ta' Jannar tas-sena 2001 sal-jum ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza *ratione valoris* sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante li mill-istess avviz prezentat mis-socjeta' attrici jidher car li l-ammont ta' LM4,745.20,0 rapprezentanti bilanc ta' prezz u installazzjoni ta' Greenhouse, flimkien ma' l-imghax legali, li kif mitlub jammonta sad-data tal-prezentata ta' l-istess avviz ghal Lm822.51,0, jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti jeccepixxi subordinatament illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici m'huwiex l-ammont miftiehem bejn il-partijiet;**

**3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu michuda stante li s-socjeta' attrici naqset milli tipprovdi l-materjal kollu miftiehem;**

**provdiet materjal li ma kienx tal-kwalita' miftiehma; u sahansitra naqset milli tinstalla l-istess serra skond kif tirrekjedi s-sengha u l-arti, bil-konsegwenza li l-eccipjenti kellu jidhol fi spejjez ulterjuri u sofra danni minhabba tali inadempjenza da parti tas-socjeta' attrici;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**5. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-kontro-mandat mahrug kontra s-socjeta' attrici fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju taghha 708/03 u b'riserva ta' kull azzjoni ta' danni spettanti lill-eccipjenti;**

**Rat il-verbal datat l-14 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici irrinunzjat ghall-imghax minnha mitlub fl-avviz li ta bidu ghall-procedura odjerna;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-istess socjeta' attrici datata wkoll l-14 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha l-istess socjeta' rrinunzjat ghall-imghax minnha mitlub fil-konfront tal-konvenut esklussivament ghall-finijiet ta' l-avviz odjern u zammet ferm id-dritt taghha li tipprocedi fil-konfront ta' l-istess konvenut ghall-hlas ta' l-imsemmi imghax u imghax ulterjuri;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-vertenza odjerna hi f'dan l-istadju limitata għall-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut senjatament għall-fatt li din il-qorti m'hiex kompetenti tisma' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna stante li l-valur tal-kawża jeżorbita dak il-limitu impost mill-liġi a tenur ta' l-artikolu 47 tal-Kap 12;**

**Illi t-teżi tal-konvenut tista' tiġi sintetizzata fl-akkumulu ta' l-ammont relattiv għall-meritu tat-talba attriċi vera u proprja, mgħadud miegħu l-ammont relattiv għall-interessi nvoluti li komplessivament jissuperaw l-ammont stabbilit mill-artikolu 47 tal-Kap 12 għall-limitu ġurisdizzjonali tal-Qorti tal-Maġistrati;**

**Illi limitatament għall-vertenza odjerna s-soċjeta' attriċi irrinunzjat għall-ammont dovut għall-interess u konsegwentement l-ammont meritu tal-proċedura odjerna jinkwadra ruħu fil-limiti ġurisdizzjonali fuq indikati;**

**Illi għandu jingħad fl-aħħarnett li din il-qorti hi kolpita biss bil-limiti tal-vertenza odjerna u m'hux bit-totalita' tad-drittijiet li s-soċjeta' attriċi tallega jew tista' eventwalment tallega li għandha;**

**Għaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------